



## L-Istorja tal-Knisja tal-Mosta – it-Tieni Parti *Is-Sur Mario Fenech*

Fil-ħarġa ta' dan l-Annwal tas-sena li għaddiet kont tajt informazzjoni dwar l-ewwel snin tal-ewwel knisja tal-Mosta. Dan it-tagħrif ħadtu mill-kitba tal-istoriku Achille Ferris fil-ktieb *Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo* ippubblikat fis-sena 1883.

Meta Dun Felice Calleja rritorna lura Malta wara li kien mar Ruma għall-istudji tiegħu fit-Teoloġija, fis-sena 1792, huwa nħatar kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Balzan. Hemmhekk huwa dam sas-sena 1797 meta mbagħad inħatar kappillan tal-parroċċa tal-Mosta.

Il-knisja li kienet qiegħda sservi bħala dik parrokkjali kienet diġà bdiet tinħass żgħira għall-poplu tar-raħal u kienu ħafna dawk li bdew jaħdmu biex tiġi mibnija knisja akbar.

Sadanittant il-kappillan kien diġà għamel it-testment tiegħu li kien wieħed b'ħafna bini għaliex kien persuna ġej minn familja għanja. Huwa wera x-xewqa tiegħu bil-miktub, biex jibbenefika mill-ġid tiegħu wara mewtu l-Isptar ta' Santo Spirito fir-Rabat. Minħabba l-fatt li kien inħema l-ħsieb tal-bini tal-knisja l-ġdida fil-Mosta huwa ġie mitlub biex iħalli l-beni tiegħu b'risq dan il-proġett. Wara ħsieb fit-tul u bl-insistenza ta' dawk ta' madwaru huwa għamel testment ġdid quddiem in-Nutar Chetcuti nhar l-20 ta' Jannar 1883 fejn ħalla kollox għal bini tal-knisja.

Mhux kollox kien ward u żagħar għaliex kien hemm diskussjoni fit-tul dwar il-bini tal-knisja. Kien hemm min xtaq li tinbena knisja ġdida x'imkien ieħor biex dik li kien hemm ma tinħattx, filwaqt li oħrajn xtaqu li l-knisja tinbena fl-istess post fejn kien hemm dik ta' qabel. Kien hemm oħrajn li riedu li l-ewwel titwaqqa' l-qadima u sakemm tinbena l-knisja l-ġdida tintuża bħala parroċċa xi waħda mill-knejjes filjali tar-raħal. Iżda dawn kienu bil-wisq żgħar sabiex jakkomodaw lin-nies tar-raħal sakemm tinbena l-knisja l-ġdida.

Sadanittant kienu saru diversi pjanti għall-knisja l-ġdida. L-arkitett u inġinier Giorgio Grognet de Vassè li kien jaf bil-problema biex tiġi mibnija l-knisja, ħareġ bil-ħsieb li tinbena knisja ta' forma tonda madwar il-knisja l-qadima biex din tibqa' tintuża sakemm imbagħad tinħatt meta tkun lesta l-ġdida. Għal dan il-għan huwa ħażżeż il-pjanta li ġiet ippreżentata flimkien ma' dawk tal-arkitetti l-oħrajn.

Meta l-kappillan ra din il-pjanta ta' Grognet mill-ewwel ġieh f'moħħu il-ħsieb li dan kien jixbah sew il-mod li bih kien mibni l-Panteon ta' Agrippa f'Ruma u ried assulutament li tintagħżel il-pjanta ta' Grognet u mhux xi pjanta oħra għall-bini ta' din il-knisja parrokkjali tal-Mosta.

Kien hemm min li bl-ebda mod ma ried li din il-pjanta tiġi esegwita għaliex fl-argument tagħhom qalu li din mhux possibbli li tinbena. Iżda l-kappillan Calleja kien tal-fehma li din setgħet tinbena u ried li tkun il-pjanta magħżula.

Il-kap tal-gvern ta' dak iż-żmien sema' b'din il-kwistjoni, għaldaqstant huwa sejjaħ numru ta' arkitetti u inġiniera kemm ċivili kif ukoll militari fil-palazz governattiv biex dawn jiflu sew il-pjanta ta' Grognet. Dawn qablu kollha li din il-pjanta għandha tkun dik li fuqha tinbena l-knisja.

Sfortunatament wara tant taħbit il-kappillan ma kellux ix-xorti li jara dan il-proġett jinbeda għaliex laħaq miet nhar l-20 ta' Frar 1833 fl-età ta' 82 sena. Huwa ħalla s-somma ta' 16000 skud Malti b'risq il-bini tal-knisja.

Iċ-ċerimonja tat-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-bini tal-knisja saret nhar it-30 ta' Mejju 1833 mir-Rev. Vigarju Can. Arċidjaknu Dr Salvatore Lanzon, delegat tal-Isqof Mons. Caruana. Huwa għamel diskors kbir għal din l-okkażjoni li kienet ġibdet lejn il-Mosta bosta nies kif ukoll il-gvernatur ta' dak iż-żmien Sir Frederick Ponsonby li kien fuq palk li ntrama għal din l-okkażjoni.

Kien hemm ħeġġa kbira mill-poplu tal-Mosta biex dan il-proġett jinbeda kemm jista' jkun malajr. Ġie mqabbad biex imexxi x-xogħol Mastru Giuseppe Mangion li kien minn Birkirkara.

Inkompli dwar din il-kitba storika ta' Achille Ferris flimkien ma' tagħrif ieħor fil-ħarġa ta' dan l-Annwal tas-sena d-dieħla.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.